# TEFTIF

*Bu-warrat* jew *Bur-marrod?*

Sa ftit ílu kullħadd għalenija kien isejjaħ *Bu-warrat* dik il-wilġa daqs-xejn il-fuq minn San Pawl il-Baħar, fejn igħidu li Pupulju, l-ewwel Isqof ta' Malta, kellu raba' u oqsma kbar. *Bu-warrât* jaħsbu li tfisser *bu-werriet* jew *bin il-werriet.* Kien il-Prof. T. Zammit l-ewwel wieħed li ġih f'rasu jsaqsi l-bdiewa ta' dik in-naħa xi jgħidulu sewwa hemmhekk, u qalulu: "Hawn ingħidulu *Bur-marrod.*"

Ingħid għalija aktar inżomm ma' dawk il-bdiewa inkella ma' li jgħidu l-kotba. U araw il-għala: Il-verb *wiret* jatina *werriet.* Billi t-*t* mhix enfâtka, il-vokali *â* ta' qabilha ma tibqâx kifin hi, u anqas ma tista' tikser lejn l-*o*, iżda tmil lejn l-*i* u ssir *ie*; u hekk *warrât* isir *werriet.* Iżda d-*d* tal-verb *marad* hi infâtka u għalhekk l-*a* tagħha ma tinbidelx u la f'*e* u la f'*i*, imma fir-rħula tikser lejn l-*o*; hekk ingħidu *marad, marod, marrâdi, marrôdi.* Mela *Bur-marrôd* hi l-kelma raħlija, il-kelma beltija hi *Bur-marrâd.*

*San Pawl Milqgħi.*

U ladarba qegħdin San Pawl il-Baħar ingħidu kelma waħda fuq l-isem ta' din il-knisja. Kullħadd jaf u jgħid li *milqgħi* tfisser *milqugħ*, għax hemmhekk kien San Pawl milqugħ minn misserijietna. Mela għax ma ngħidux *San Pawl milqugħ?*

Il-verb *laqa* għandu l-aħħar ittra *dgħifa(j)* bħal *beka(j) rema(j)*, iżda fit-tiswir tiegħu jinbidel mal-verbi sħaħ, li għandhom *għ* fl-aħħar, u hekk ingħidu *laqgħet* flok *lqiet* bħal *bkiet* u ngħidu *milqugħ* bħalkieku l-verb kien *laqagħ* mhux *laqa. Laqa* għandu bħala partiċipju *milqi*, bħal *beka, mibki*; mela *Milqi*, u mhux *Milqgħi*, huwa l-partiċipju safi tal-verb *laqa* qabel ma tħassar u biddel il-*j* dgħifa f'*għ*. Hekk ukoll ġara lill-verb *baqa* li jatina *hi baqgħet* bħalkieku l-verb kien *baqagħ.* Iżda nbagħad għandna n-nom *bqija*, li fih tarġa' tidher il-*j* dgħifa.

**Sa'dun.**